


*Erba' Mitt Sena mit-Twelid ta' Mattia Pretti*

# Mattia Pretti Fil-Parroċċa Ta' Stella Maris

Kif inhu xieraq, din is-sena Malta qiegħda tagħti ġieħ mistħoqq u fl-istess waqt tfakkar għeluq l-erba' mitt sena mit-twelid ta' Mattia Preti. Dan sar l-aktar permezz ta' wirja unika li tiġbor taħt saqaf wieħed uħud mill-aqwa xogħolijiet ta' dan l-artist Kalabriż. Ħafna minn dawn il-pitturi nġiebu fostna minn diversi mużewijiet u kollezzjonijiet madwar id-dinja. Ġew anke stampati numru ta' kotba ta' livell għoli dwar l-istess persunaġġ.

Mattia Preti twieled ġewwa Taverna, fil-Kalabrija nhar l-24 ta' Frar 1613. L-ewwel Surmast tiegħu fit-teknika ta' l-arti kien il-magħruf artist Giovanni Battista Caracciolo. Aktar tard, flimkien ma' ħuh Gregorio, li wkoll kien pittur, beda jitħarreġ u jixrob mit-teknika ta' Caravaggio, Guercino, Rubens, Reni u Giovanni Lanfranco li kienu jiddominaw ix-xena artistika ta' dak iż-żmien.



Sadanittant il-fama ta' dan l-artist Kalabriz bdiet bil-mod il-mod tikber u tinxtered. Beda jiġi kkummissjonat xogħolijiet kemm fi knejjes, palazzi u għal kollezzjonijiet privati. Ħafna minn dawn ix-xogħolijiet hu ħadimhom f'Ruma u f'Napli. L-ewwel mawra qasira tiegħu fi gżiritna seħħet fl-1659 sabiex sentejn biss wara huwa stabilixxa ruħħu għal kollox f'Malta, fejn baqa' sakemm miet fl-eta ta' 86sena. Il-ħalfa tiegħu li jrodd lura lilu u lil familja tiegħu t-titlu nobiljari flimkien mal-potenzjal artistiku kbir tiegħu għenu sabiex l-ordni ta' San Ġwann titfa' għajnejha fuqu. Bla dubju ta' xejn li l-aqwa xogħolijiet tiegħu nsibuhom fil-Kon katidral ta' San Ġwann. F'din li kienet il-Knisja Konventwali ta' l-Ordni huwa mhux biss pitter is-saqaf majestuz iżda wkoll ġie fdat bid-dekorazzjoni ta' dan l-istess tempju.

Aħna l-Maltin għandna x-xorti kbira li xogħolijiet tiegħu oħra jinsabu fil-Mużew ta' L-Arti kif ukoll f'uħud mit-tempji ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Fosthom nistgħu nsemmu l-Kolleġjata tal-Birgu, il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Luqa, il-knisja Arċipretali taż-Żurrieq u l-Bazilika Kolleġjata ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria fost oħrajn.

Aħna s-Slimiżi, partikularment parruċċani ta' Stella Maris, ukoll nistgħu niddandnu b'żewġ kwadri, pjuttost kbar li nsibu fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, jew kif inhi magħrufa fostna bħala l-Knisja ż-żgħira. Studjużi u kritiċi ta' l-arti , fosthom Dr. Keith Sciberras jikkonfermaw li dawn huma xogħlijiet ta' Preti li x'aktarx tpittru bejn wieħed u ieħor qrib l-1675. Dan ifisser li l-Kavallier Kalabriz, kif kien imlaqqam, kellu aktar minn sittin sena u allura kien diġàlaħaq il-maturita' professjonali tiegħu.

Wieħed minn dawn il-Kwadri jpoġġi quddiemna xena meta l-Familja Mqaddsa waqfet għal ftit mistrieħ waqt il-Ħarba mill-Eġittu. F'dan il-kwadru tassew sabiħ u espressiv imfassal ukoll




fuq kitbiet apografi ta' l-ewwel seklu, nilmħu mhux biss il-ħila ta' dan l-artist bravu, iżda fuq kollox is-sens reliġjuż profond tiegħu. Filwaqt li fiċ-Ċentru ta' l-attenzjoni ried ipoġġi liċ-ċkejken Ġesu' f'ħoġor Ommu Marija, hu bħal donnu ma riedx jinsa jfakkarna fix-xogħol siewi u moħbi tat-twajjeb Ġużeppi, ir-raġel ġust ta' Marija, li jidher qed jieħu l-mistrieħ mistħoqq għad-dell tas-siġra. Sabiex iwennsu lit-Tarbija Divina, Preti ħaseb fi Tliet Anġli mdaqqsa flimkien ma żewġ puttini li mill-friegħi qed jgħassu kollox. Huwa kwadru tant espressiv, li bħal ħafna mill-opri ta' Preti, ma tixba' qatt tħares lejh. Dan il-Kwadru fl-1949 kien eżebit f'wirja li ttelgħet ġewwa s-Seminarju ta' l-Imdina fl-okkażjoni tal-Kungress Marjan.

Kull sena l-Posta Maltija toħroġ sett bolol fi żmien il-Milied. Sabiex tfakkar għeluq it-tliet mitt sena mill-mewt ta' Mattia Preti l-Maltapost nhar id-dsatax ta' Novembru 1998 ħarġet sett ta' erba' bolol li juru daqstant xogħlijiet ta' dan il-Pittur. Dik bil-valur ta' sitt ċenteżmi Maltin, u li żgur daħlet f'kull dar Maltija u Għawdxija, tirrapreżenta propju dan il-kwadru li għanda kif semmejna.

Il-kwadru l-ieħor ta' Preti li jinsab fil-Knisja ż-Żgħira jitqies mill-kritiċi ta' valur artistiku akbar, minkejja l-fatt li mhux daqshekk iffukkat bil-persunaġġi. Jirrapreżenta l-Anġlu Kustodju qiegħed jipproteġi tarbija mill-qilla tax-xitan. Dan il-kwadru tal-Preti tant irnexxa li saħansitra serva sabiex pitturi oħra isawru x-xogħlijiet tagħhom fuqu. Fil-Bażilika-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta nsibu l-unika Fratellanza taħt dan it-titlu, imwaqqfa fl-1748. Il-fratelli kkummissjonaw lil Francesco Zahra(1710-1773), li bħal l-imgħallem tiegħu Gian Nikol Buhagiar kienu meqjusa bħala l-aqwa żewġ artisti ta' żmienhom sabiex ipitter kwadru Titulari għall-kappella tagħhom. Zahra kkopja fedelment il-kwadru ta' Preti pero fl-għoli żied ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin u l-figura ta' San Blas.

Dan ma kienx l-uniku xogħol ta' Zahra b'dan is-suġġett, Pittura minnhom per eżempju tinsab fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Tarxien,

*Il-Waqfa Fl-Eġittu xogħol il-Mattia Preti, Kwadru li jinsab fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja*






pero' hawnhekk il-figura ta' l-Anglu Kustodju tidher mitfugħa ftit lura n-naħa tax-Xellug tal-kwadru. Kwadri oħra ta' Francesco Zahra u li jittrattaw l-Anglu Kustodju nsibuhom fil-Knisja tas-Salvatur, Ħal-Lija, fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla u fil-Knisja ta' San Duminku r-Rabat. Jibqa' l-Fatt li Mattia Preti bil-kwadri tiegħu ta' l-Anglu Kustodju influwenza mhux ftit l-arti sagra f'Pajjiżna.

Il-Kurjuża pero' hi kif dawn il-kwadri sabu ruħhom ġewwa din il-kappella filjali meta nafu li din inbniet fl-1803 u Mattia Preti miet nhar l-1 ta' Jannar 1699. L-aktar raġunijiet validi jistgħu jkunu tnejn. Jew kienu diġà fl-ewwel Kappella ta' Tigne, li mill-viżta pastorali ta' L-Isqof Balaguer (1644-1646) nafu li kienet diġa teżisti(fejn hemm ukoll min jaħseb li anke seta kien hemm il-Kwadru Titulari li llum jinsab fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja).

Seta' kien il-kaz ukoll li dawn il-kwadri kienu jiffurmaw parti minn kollezzjoni privata u li xi ħadd għoġbu jirregalhom lil din il-Kappella.

Jibqa' l-fatt li dawn huma teżori oħra imprezzabbli li ħarġu minn idejn wieħed mill-aqwa artisti tar-Rinaxximent li ħalla impatt qawwi fuq l-arti mhux biss f'pajjiżna imma wkoll fl-aqwa bliet Ewropej. Dmirna jibqa' li għandna dejjem napprezzaw u ngħożżu dan il-wirt artistiku mħolli lilna minn ta' qabilna.

***Il-Kwadru ta' L-anglu Kustodju***



***Referenzi –***


- Guide to the Parish Church of Tarxien – Pubblikazzjoni Parroċċa Ħal-Tarxien
- Lehen il-Kommunità Ġużeppina tar-Rabat 2013
- L—Anglu Kustodju Meqjum fil-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt Valletta – Andrew Borg Programm Festa 2012
- Il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'Tas-Sliema – Maurice Busietta – In-Nazzjon Tagħna 22/8/92
- The Malta Stamp Official Bulletin Nr. 165
- Artiklu ta' l-Istess Awtur li deher fil-Programm tal-Festa ta' Stella Maris 1999